**2 ta' April**

**Tifkira ta'**

S. FRANĠISKU DE PAOLA, EREMIT

Twieled f'Paola, fil-Kalabrija, fl-1416. Waqqaf kongregazzjoni ta' eremiti, li mbagħad tbiddlet fl-Ordni tal-Minimi, imwettaq mis-S.Sede fl-1506. Franġisku miet f'Tours, Franza fl-1507.

Mill-Komun tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi...

**Fit-Tifħir ta' sbiħ il-jum**

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi. (Ż.Għ. hallelujah).

Talba

O Alla, li tkabbar lil min jiċċekken, int tellajt lil San Franġisku de Paola fil-glorja tal-qaddisin tiegħek; agħtina li, bil-merti u l-eżempji tiegħu, niksbu b'wiċċ il-ġid il-premju li int wegħidt lil min iċekken lilu nnifsu. B'Ibnek.

**Fil-Għasar**

Ant. tal-kant. ta' Marija Jekk il-bniedem jagħti l-ġid kollu ta' daru biex jikseb l-imħabba, ikun qisu bħax-xejn (Ż.Għ. hallelujah).